**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Marthese Micallef)**
**(Spettur Roderick Spiteri)**

**vs.**

**Innocent Lawrence Farrugia**

Numru: 330/2015

Illum 19 ta' Ottubru 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Innocent Lawrence Farrugia**, ta' wiehed u erbghin (41) sena, iben Joseph u Marion Cavaioli, imwieled Queens, New York, USA nhar id-19 ta' Dicembru 1974, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 327592(M) u residenti 196, Triq iz-Znuber, Mellieha

akkuzat talli fit-18 ta' Marzu 2015 ghall-habta ta' bejn 12.15hrs u 12.30hrs fil-Maghtab Construction, Triq ir-Ramla, Maghtab, L/O Naxxar:

1. minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqiegħed il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Martin Deguara hekk kif ccertifika Dr. G. Mifsud (MD Reg. 3231 ta' l-iSptar Mater Dei);

2. fl-istess data, hin u cirkostanzi kiser il-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Il-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Martin Deguara.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef (*a fol.* 5a *et seq.*).

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni tieghu f'dawn il-proceduri, il-fedina penali tieghu (*a fol.* 3), u kif ukoll dak li jirrizulta mill-iskrittura privata (*a fol.* 27 u 28).

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat Artikoli 214, 215, 216 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat Innocent Lawrence Farrugia hati tal-imputazzjonijiet kollha

migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tmintax (18) il-xahar mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

In segwitu ta' dak li jirrizulta mill-iskrittura privata li tinsab *a fol.* 27 u 28, il-Qorti ma tarax raguni valida ghala ghandha tipprovdi ghas-sigurta' ta' Martin Deguara u b'hekk tichad it-talba f'dan ir-rigward kif kontenuta fic-*charge sheet*.

Finalment, il-Qorti tordna li *ai termini* ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

___________________________

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

___________________________

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**